# Il-Ħadd 22.04.2018

1. Illum 22/04, **ir-Raba' Ħadd tal-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet**:
   - Fid-9:00am - Fil-Katidral tal-Imdina, ser issir ċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, li matulha ser jiġu ordnati 4 djakni. Nifirħulhom u nitolbu għalihom.
   - Fl-10:00am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.
   - Bejn l-4:00pm u l-5:30pm - Manifestazzjoni favur il-Ħajja bit-Tema: **Embrijun Wieħed Minna**, organizzata mill-*Fondazzjoni Life Network*. Din tibda minn quddiem Kastilja u tkompli b'mixja sal-pjazza tal-Parlament fejn ikun hemm messaġġ lill-Membri Parlamentari tagħna. Kulħadd mistieden jattendi, anke fuq stedina tal-Isqfijiet Maltin, li ser ikunu preżenti wkoll, biex flimkien nuru li ngħożżu u rridu niddefendu l-valur tal-ħajja.

2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn 23/04: PM – Triq il-Ħajt Ruman
   - It-Tlieta 24/04: AM – Triq Dun Ġużepp Caruana<br>PM – Triq id-Dolmen, Triq Ġwann Zammit, Triq in-Newba
   - L-Erbgħa 25/04: PM – Triq Ta' Ġawhar
   - Il-Ħamis 26/04: AM – Triq il-Kaċċaturi<br>PM – *Ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
   - Il-Ġimgħa 27/04: PM – Triq il-Biedja, Triq Mikelanġ Busuttil.

3. Il-Ħamis 26/04:
   - Fis-7:15pm - Jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Is-Sibt 28/04:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 300 bħala ġabra speċjali f'Jum il-Karità;
   - € 350 minn ħarġa li kellna;
   - € 10 bħala donazzjoni bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.

6. Nitolbu għal Pawla Busuttil li għaddiet għal ħajja ta' dejjem.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...